**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Frankie Sammut]**
**vs**
**Mohamed Abd Aldaim**

**Illum, 24 ta' Lulju 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra:

"**Mohamed Abd Aldaim**, detentur tan-numru tal-Pulizija 18N-098,

U nakkużah talli fit-23 ta' Lulju 2019 u jew fil- granet ta' qabel f' Malta iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'passaport jew dokument, jew uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi passaport jew dokument, li hi kien jaf li ġew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta).

Kif ukoll nakkużah talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi

dokumenti oħra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta).

Kif ukoll nakkużah talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi mingħajr awtorità leġittima uża jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta)."

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat Mohamed Abd Aldaim rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni tal-imputat l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti mhux biss qed tqis l-ammissjoni ta' l-imputat fi stadju bikri tal-proceduri, izda qed tqis ukoll il-gravità tar-reati minnu kommessi, kif ukoll ic-cirkostanzi partikulari li taw lok ghal dan il-kaz, kif ukoll il-fedina penali tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artiklu 5 tal-Kap. 61 tal-liġijiet ta' Malta, l-Artiklu 189 tal-Kap. 9 tal-liġijiet ta' Malta, u l-Artiklu 32(1)(f) tal-Kap. 217 tal-liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat Mohamed Abd Aldaim ħati u wara li qieset il-fedina penali tiegħu, il-kollaborazzjoni tieghu mal-Pulizija, u l-ammissjoni bikrija tieghu tikkundanna lill-imputat ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija effettivi.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputat l-import u konsegwenzi ta' din is-sentenza u x'jigri f'kaz li ma jottemporax ruhu ma' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur